

# *Dawl u Mħabba fid-dalma*

## NIĊĊELEBRAW FI DJARNA
## IT-TIENI ĦADD TAL-GĦID

*Laqgħa ta' ferħ,*
*għoti tal-Ispirtu,*
*dubju mibdul (Ġw 20:19-31)*

**Din ir-riżorsa tħejjiet mill-Karmelitani tal-Awstralja u Timor-Leste fi żmien li fih ma nistgħux ninġabru kif nagħmlu s-soltu biex niċċelebraw l-Ewkaristija. Aħna konxji li Kristu hu preżenti mhux biss fis-Sagrament Imqaddes imma wkoll fi qlubna. Anki meta nkunu waħidna nibqgħu nagħmlu parti mill-Ġisem ta' Kristu.**

**Fil-kamra li tagħżel li tuża għal dan it-talb tista' tqiegħed xemgħa mixgħula, Kurċifiss u l-Bibbja. Dawn is-simboli jgħinuna nżommu f'moħħna l-qdusija tal-ħin tat-talb tagħna u jistgħu jgħinuna nħossuna magħquda mal-komunitajiet ta' fidi tagħna.**

**Dan it-test hu mqassam f'partijiet għal min imexxi u għal kulħadd biex jitlob, imma l-partijiet ta' min imexxi wkoll jistgħu jinqasmu bejn dawk preżenti.**

**Int u tuża din it-talba kun af li aħna l-Karmelitani fit-talb tagħna se nkunu qed niftakru fil-membri kollha tal-familja tagħna f'dan iż-żmien.**

Produzzjoni ta' Carmelite Communications għal
**Il-Karmelitani tal-Awstralja u Timor-Leste**
www.carmelites.org.au
@carmelitesAET

# NIĊĊELEBRAW FI DJARNA
# IT-TIENI ĦADD TAL-GĦID

## Sinjal tas-Salib

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben
u tal-Ispirtu s-Santu.
**Amen.**

Il-Mulej jinsab hawn, preżenti fostna.
**Aħna miġbura mal-Knisja kollha**
**għal dan il-mument ta' talb.**

## Inħejju biex nisimgħu l-Kelma ta' Alla

Mulej Ġesù, int tibdel il-biża' u l-iżolament
**f'paċi u qawwa.**

Bl-Ispirtu Qaddis tiegħek
**int tibgħatna nxerrdu l-maħfra.**

Int tibdilna bi mħabbtek
**biex inkunu l-qalb ta' Alla fid-dinja.**

Kristu Rxoxt,
int dejjem tiltaqa' magħna bi mħabba.
**Agħtina t-tama u l-paċi li neħtieġu**
**biex nibqgħu sħaħ fl-għożża ta' xulxin.**
**Amen.**

## Qari mill-Iskrittura (Ġwanni 20:19-31)

Dakinhar filgħaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Is-sliem għalikom!". Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej. Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom".

Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma".

Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie Ġesù. Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu: "Rajna lill-Mulej". Iżda hu qalilhom:

"Jekk ma narax f'idejh il-marka tal-imsiemer u ma nqigħedx sebgħi fuq il-marka tal-imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx".

Tmint ijiem wara, id-dixxipli reġgħu kienu ġewwa, u Tumas magħhom. Il-bibien kienu magħluqa, imma Ġesù daħal, qagħad f'nofshom, u qalilhom: "Is-sliem għalikom!". Imbagħad qal lil Tumas: "Ġib sebgħek hawn u ara jdejja, u ressaq idek u qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen". Wieġeb Tumas u qallu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!". Qallu Ġesù: "Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu".

Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li mhumiex imniżżla f'dan il-ktieb. Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu.

## Riflessjoni – *Żewġ stejjer ta' bidla*

Il-festa kbir tal-Għid il-Ħadd li għadda fetħet fil-Knisja ċ-ċelebrazzjoni ta' ħamsin jum tal-Għid li tagħlaq bil-festa ta' Pentekoste sitt ġimgħat oħra.

Il-Vanġelu ta' kull nhar ta' Ħadd hu meditazzjoni fuq Ġesù bħala: Kristu Rxoxt, li nsiru nafuh fl-Iskrittura u fil-qsim tal-ħobż, dak li jġib il-ħajja fil-milja tagħha, it-triq, il-verità u l-ħajja tagħna, rahan tal-imħabba ta' Alla.

Fil-qari tal-Vanġelu tal-lum hemm żewġ stejjer ta' bidla grazzi għal-laqgħa ma' Kristu Rxoxt.

Qabelxejn, Ġesù jidher lil grupp ta' dixxipli mbeżżgħin u mħawdin mistoħbija f'kamra. L-ewwel klem tiegħu hu: "Il-Paċi magħkom". Il-biża' u t-taħwid jinbidlu f'ferħ hekk kif id-dixxipli jagħrfu l-preżenza ta' Kristu Rxoxt f'nofshom. Imma dan mhux kollox. Imbagħad hu jibgħathom biex ikunu missjunarji tal-paċi u l-maħfra. Meta jirċievu l-Ispirtu s-Santu huma jiġu mibdula minn grupp ta' nies imbeżżgħa, mistoħbija f'kamra, għal xandara qalbiena tal-imħabba u l-ħniena ta' Alla.

Aħna diġà nafu li l-biża' jġib l-iżolament u s-solitudni. Qed ngħixuh kuljum dan. Waqt li nieħdu l-passi meħtieġa biex nipproteġu s-saħħa ta' xulxin, qed nippruvaw ma nħallux lil qlubna jmorru f'*lockdown* ukoll. Hemm xi ħaġa ġenwinament tajba fin-natura umana. In-nies qed isibu modi ġodda kif jieħdu ħsieb ta' xulxin. Bħal dawn ir-ristoranti mill-aqwa li qed isajru mijiet ta' ikliet għall-foqra, l-anzjani u nies waħidhom. Hemm ħafna eżempji oħra ta' nies li qed jibdlu l-biża' u t-taħwid f'mumenti ta' tama u ferħ. Forsi m'aħniex nagħrfu wkoll il-preżenza ta' Kristu Rxoxt f'dawn l-għemejjel ta' salvazzjoni?

It-tieni storja fil-Vanġelu tal-lum hija dik li lkoll nafuha bħala tad-*dubju ta' Tumas*, għalhekk, fil-verità, aħjar insejħulha ta' *Tumas li jemmen* – id-dubju hu biss il-bidu tal-istorja.

Ġesù ma jċanfarx jew ibeżbeż lil Tumas. Jekk Tumas qed ifittex prova, kulma jrid jagħmel hu li jmiss lil Ġesù biex jara li hu reali. Imma Tumas ma jagħmlux dan. Hija l-laqgħa personali tiegħu ma' Ġesù li tibdlu minn dubjuż għal wieħed li jemmen.

Għal darb'oħra l-Vanġelu qed ifakkarna li l-fidi ma tfissirx li nemmnu b'moħħna jew infittxu l-provi, imma din tinsab fir-relazzjoni ħajja tagħna ma' Ġesù.

Forsi dawn il-ġranet straordinarji qed jagħtuna ftit iktar ħin biex inpoġġu bilqiegħda u nitkellmu ma' Ġesù, biex nagħrfuh diġà preżenti fi qlubna, biex inħallu l-biżgħat u d-dubji tagħna jintrebħu mill-imħabba, biex insibu modi ġodda u kreattivi kif nibdlu d-dalma ta' dawn il-jiem f'dawl, paċi u ferħ għall-oħrajn.

Jalla l-ħajja ġdida li qed niċċelebraw f'dawn il-ħamsin jum iwasslulna l-kreattività tal-Ispirtu li neħtieġu biex inkunu l-qalb ħajja ta' Alla fid-dina tagħna llum.

## Talbiet ta' interċessjoni

Mulej, għallimna ngħixu flimkien fl-imħabba
**u naqsmu dak li għandna għall-ġid ta' ħutna.**

Żommna sħaħ fil-fidi, it-tama u l-imħabba
**biex jidher fina l-wiċċ ta' Ġesù.**

Agħtina l-kuraġġ li neħtieġu
**biex inkunu ministri ta' maħfra u rikonċiljazzjoni.**

Ilqa' fil-milja tal-ħajja
**lil dawk kollha li mietu dan l-aħħar.**

Ħa nkunu sagramenti tal-preżenza tiegħek
**u dixxipli fidili ta' Iben tiegħek.**

Bierek lil dawk kollha li jaħdmu b'modi kreattivi
**biex jieħdu ħsieb tagħna u ta' oħrajn.**

## Il-Missierna

Iffurmati mit-tagħlim u l-eżempju ta' Ġesù, ejjew nitolbu:

**Missierna,
li int fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int kif fis-sema hekkda fl-art.
Ħobżna ta' kuljum agħtina llum,
u aħfrilna dnubietna
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.
La ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni.**

## Talba tal-għeluq

Mulej, Alla,
fil-qawmien ta' Ġesù mill-mewt
inti taqsam magħna l-ħajja tiegħu.
Ibdel id-dlam, il-biża' u l-iżolament tagħna bil-preżenza tiegħek li tfarraġ,
biex nistgħu nkunu għall-oħrajn
il-preżenza tiegħek, kalma,
kollha mħabba u fejqan.
Bi Kristu Sidna.
**Amen.**

## Barka

Ħa tkun il-barka tiegħek fuqna, o Mulej,
**u ibqa' magħna għal dejjem.**

Immorru fil-paċi ta' Kristu Rxoxt!
**Hallelujah! Hallelujah!**

Produzzjoni ta' Carmelite Communications għal
Il-Karmelitani tal-Awstralja u Timor-Leste
www.carmelites.org.au
@carmelitesAET